MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 282/2009

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ A B, li permezz tieghu, wara li ppremettiet:

Illi l-esponenti zzewget lil C D fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Lulju tas-sena 1998, fil-Knisja ta’ San Gwann, liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru taz-Zwigijiet u dan kif jirrizulta mill-anness dokument immarkat Dok. A.

Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi

essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 (1) (d) u (f) u l-artikolu 19 A (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Lulju tas-sena 1998, huwa null u minghajr effett legali ai termini tal-artikolu 19 subartikolu (1) paragrafi (d) u (f) u tal-Artikolu 19 A (1) tal-Att XXXVII tal-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255).

Konsegwentement tordna li din in-nullita’ tigi registrata fuq l-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, l-intimat C D ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat id-dokument esebit.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi jirrizulta mill-affidavit tar-rikorrenti (dan kien l-unika xhieda prodotta) illi l-partijiet izzewgu wara

gherusija ta’ hdax-il sena, gherusija li tulha kien hemm perjodi fejn il-partijiet ma kinux baqghu flimkien. Madanakollu huma zzewgu, pero’ z-zwieg sfaxxa. Ir-rikorrenti taghti t-tort kollu lir-ragel u issa qed titlob dikjarazzjoni ta’ nullita’ a tenur tal-Art. 19 (1) (d) u l-Art. 19 (1) (f) tal-Kap. 255.

“*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe’ li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta’ l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe’ li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega*”, (“**Joseph Zammit vs Bernadette Zammit**”, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Jannar, 2006).

B’referenza ghall-kawzali prevista fl-Art. 19 (1) (d), dawn il-Qrati jirritjenu illi:

“*Ikun hemm id-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fis-sens ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b’mod sostanzjali, ossia <u>gravi</u>, minn dik il-fakolta’ kritika – estimativa jew kritika – valutativa <u>dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg,</u> jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera <u>dwar l-imsemmi oggett.</u> Id-difett serju ta’ diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment <u>nuqqas</u> ta’ riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet <u>zbaljati</u> – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju*”, (“**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri**”, deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fl-10 ta’ Novembru, 1995).

“*Kwantu ghad-difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm dan in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju jrid ikun hemm l-inkapacita’ psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali. Mhix ghalhekk kwistjoni*

*ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati, il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss li l-anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha impossibbli, mhux semplicement difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia li jassumihom*", ("**Sandra D vs Raymond D**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fil-10 ta' Settembru, 1997).

"*Fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi minn dik il-fakolta' kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju (ara, "***Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri***", P.A., 10/11/95). Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ("***Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt***", P.A., 15/4/96). Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali*", ("**Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fis-26 ta' Ottubru, 2000).

Fl-affidavit tar-rikorrenti, il-Qorti ma ssib xejn li jissodisfa dawn il-kriterji. Imbaghad, b'referenza ghall-Art. 19 (1) (f).

"*Biex l-attur jirnexxielu jipprova din l-allegazzjoni huwa necessarju ghalih li jressaq provi konkreti u sufficjenti, li jissodisfaw debitament il-Qorti li, fuq bilanc ta' probabilitajiet, it-tezi tieghu tirrispekkja l-verita'. Semplici suspetti jew suppozizzjonijiet u kongetturi, ma humiex bizzejjed biex igibu fix-xejn il-prezunzjoni li l-kuntratt taz-zwieg li sar bejn il-partijiet sar validament. Fi kliem iehor, l-attur hu obbligat li jipprova sodisfacentement li fil-mument li l-konvenuta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg, hija ghamlet dan semplicement b'mod biss estern, apparenti u formali. Huwa obbligat li jipprova ukoll li l-konvenuta, <u>b'att pozittiv tal-volonta' taghha</u>, fil-verita' cahdet totalment li taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg (simulazzjoni totali) jew almenu cahdet li taghti l-kunsens matrimonjali taghha billi b'att pozittiv tal-volonta' taghha eskludiet a priori xi element essenzjali tal-hajja mizzewga (simulazzjoni parzjali). Jekk l-attur ma jaghmilx din il-prova b'mod sodisfacenti fuq bilanc ta' probabilitajiet, allura t-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg in kwistjoni ma tkunx tista' tintlaqa' billi actore non probante reus absolvitur*", ("**Raymond Cassar vs Anne Cassar nee' Busuttil**", deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2004).

"*Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att posittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f'dan is-sens **Muscat vs B Grech noe**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb "Il consenso nel matrimonio canonico" (Ediz. 1968 pagna 92),*
*"Nell'animo del nubente, perche' si abbia simulazione... occorre che vi sia non un'assenza della volonta' matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta' di escludere*", ("**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2009).

Fid-dawl tal-fuq citat insenjament, ma jirrizultax lil din il-Qorti li jissussisti l-kundizzjonijiet imposti mil-ligi sabiex ir-rikorrenti jissodisfa l-oneru tal-prova fuqu impost.

Fit-talba tar-rikors promotur, ir-rikorrenti ticcita ukoll l-Art. 19 A (1). Il-Qorti ma ssib xejn fl-affidavit tar-rikorrenti li jista' jitqies bhala rifjut tal-konsumazzjoni taz-zwieg.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------